**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 21**

**L-Erbgħa, 30 ta' Ottubru 2024**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.42 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Clayton Bartolo, l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Cressida Galea (sostitut), l-Onor Adrian Delia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 20 li saret fid-9 ta' Settembru 2024, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SUR PIERRE FAVA GĦALL-KARIGA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITA TAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL**

Il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-settur tal-Kostruzzjoni l-Onor. Jonathan Attard, datata 2 ta' Ottubru 2024, dwar in-nomina tas-Sur Pierre Fava għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol.

Il-Kumitat stieden lis-Sur Pierre Fava sabiex jidher quddiem il-Membri tal-Kumitat biex isirulu mistoqsijiet supplimentari relatati mat-tweġibiet bil-miktub li kien bagħat lill-Kumitat, skont is-subartikolu 38(4) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, Kap. 595.

Is-Sur Fava daħal fil-kamra tal-Kumitat.

Il-President tal-Kumitat informa lis-Sur Fava li d-domandi u t-tweġibiet tiegħu kienu ser jiġu ppubblikati *ai termini* tal-artikolu 38(2) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika u li l-laqgħa kienet se tiġi streamed live fuq il-website tal-Parlament, u eventwalment tixxandar ukoll fuq it-television channel tal-Parlament.

Is-Sur Pierre Fava ta rendikont tal-karriera tiegħu bħala spiżjar u sid ta' kumpanija tal-ispiżeriji Chemimart kif ukoll Chairperson tal-GreenPak. Kien chairman tal-BCRS. Il-linja tiegħu hi fil-farmaċewtika u l-Clinical Pharmacy. Is-Sur Fava jieħu ħsieb ir-reklutaġġ tal-ispiżjara tal-kumpanija tiegħu billi joffri t-taħriġ kollu meħtiġ, kif ukoll jeżamina l-istess rekluti qabel l-ingaġġ tagħhom. Hu poġġa wkoll fuq diversi bordijiet, fosthom tgal-Malta Employers' Association u l-MCESD. Għandu għal qalbu ħafna l-fatt li l-impjegati huma riżorsa essenzjali u kull min iħaddem għandu responsabbilità li jtih it-taħriġ neċessarju sabiex jibża' għalih, speċjalment fejn tidħol saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

Il-President tal-Kumitat stieden lill-membri tal-Kumitat sabiex jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom u saret diskussjoni bbażata fuq dawn il-mistoqsijiet.

Fl-5.17 p.m. il-President tal-Kumitat irringrazzja lis-Sur Pierre Fava u talbu sabiex jirtira mill-kamra tal-Kumitat sakemm il-Kumitat jiddiskuti n-nomina tiegħu.

Fl-5.18 p.m. il-laqgħa rriżumiet u meta l-President tal-Kumitat qiegħed il-mistoqsija fuq in-nomina tas-Sur Pierre Fava għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol u l-membri kollha vvutaw favur din il-ħatra.

Il-ħatra proposta għaddiet nem. con.

Fl-5.19 p.m. il-Kumitat stieden lis-Sur Pierre Fava jidħol lura fil-kamra tal-Kumitat.

Is-Sur Pierre Fava daħal fil-kamra tal-Kumitat u ġie informat li n-nomina tiegħu għall-kariga ta' Chairperson tal-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol kienet ġiet approvata mill-Kumitat u li, skont kif provdut fis-subartikolu 38(5) u fit-Tielet Taqsima tal-Ħames Skeda tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-parir tal-Kumitat, flimkien mal-Minuti tal-laqgħa kellhom jintbagħtu lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma fis-settur tal-Kostruzzjoni.

Is-Sur Fava rringrazzja lill-Kumitat tar-rakkomandazzjoni u rtira mill-kamra tal-Kumitat.

Fil-5.20 p.m. il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni u aġġorna.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**